TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/91/14/S

Nicolette Gautier
Vs
Servgroup Limited

Illum 27 ta'Novembru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Nicolette Gautieripprezentata fit-2 ta'Mejju,2014 u r-risposta tas-socjeta Servgroup Limited ipprezentata fl-14 ta'Mejju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet u r-rappresentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar bieb u tieqa bi 'triple glazing' li pero skont ir-rikorrenti baqghet tisma' l-hsejjes minn gewwa darha. Is-socjeta intimata kkontestat it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Illi fl-ewwel lok fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata, din ma tistax tintlaqa' ghax giet prezentata korrispondenza li tikkonferma l-ilmenti u konsegwentement in-nuqqas ta'konformita hekk kif allegat mir-rikorrenti[1];

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited" moghtija fit-13 ta'Jannar,1999)[2];

Illi l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda l-kwalita miftehma u l-effetti li tali installazzjoni qed ikollha fuq il-livell ta' hsejjes li jinstemghu minn gewwa l-fond;

Illi jidher li s-socjeta intimata kkunsinjat dak ordnat lilha mir-rikorrenti u dan kif jirrizulta minn DokA1;

Illi mill-provi ma jirrizultax li kien sar xi ftehim jew inghatat xi garanzija dwar massimu u minimu ta'hsejjes li jinstemghu wara l-installazzjoni ta' dak ordnat;

Illi fic-cirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti ma gewx pruvati skont il-ligi;

Illi min-naha l-ohra jidher li hemm xi aggustamenti zghar li jistghu isiru mis-socjeta intimata u li jistghu itejbu s-sitwazzjoni biex il-hsejjes jigu mnaqqsa kemm jista' jkun;

Illi ghal dan il-ghan, ghandu jintuza' materjal bhal 'silicone' jew 'expandible foam' biex jinghalqu x-xquq kollha kemm fuq barra kif ukoll minn gewwa;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Nicolette Gautier filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Servgroup Limited, salv dak gja msemmi fl-ahhar paragrafu qabel dan liema

[1] Dok A4 et sek.

[2] Ara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta'Marzu,2012 fl-ismijiet "Dr.Francis Saliba et vs C.Boffa Company Limited et" (899/08JA) u decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta'Mejju,1995 fl-ismijiet "Aquilina vs Vella".

xogholijiet ghandhom isiru fi zmien tlitt gimghat mill-llum u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru